MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 2432/2000/1

**Nazzareno u Josephine Mary konjugi Pisani**

**v.**

**Brother Saviour Gatt f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' *Stella Maris College* u *De La Salle Brothers* (*Freres*)**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** F'din il-kawza l-atturi, issa appellanti, qed jitolbu l-hlas ghal sahra li jghidu li ghamel, u ghal *vacation leave* li

ma hax, l-attur meta kien impjegat mal-konvenut appellat *nomine*.

**2.** B’sentenza ta’ l-14 ta’ Ottubru 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-vertenza billi, wara li helset lill-konvenut Brother Saviour Gatt *proprio* mill-harsien tal-gudizzju, u cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ikkundannat lill-kullegg ihallas lill-atturi mija u tmin liri u sebgha u disghin centezmu (LM108.97), flimkien ma’ l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni. Il-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjez ta’ Brother Saviour Gatt *proprio* ihallashom il-konvenut. Dwar l-ispejjez l-ohra, dik il-Qorti, wara li qieset illi l-atturi talbu hafna aktar milli kien jisthoqqilhom, u illi l-kullegg ressaq eccezzjoni ta’ preskrizzjoni li kienet michuda, ordnat illi dawn jinqasmu hekk: disa’ partijiet minn ghaxra (9/10) jhallsuhom l-atturi u parti minn ghaxra (1/10) jhallasha l-kullegg konvenut.

**3.** Il-fatti li taw lok ghal dan l-incident, it-talbiet u l-eccezzjonijiet jinsabu sew riprodotti fis-sentenza appellata, li qeghda tigi riprodotta fl-intier taghha:

“F’din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu ħlas li jmiss lill-attur għal sahra u *vacation leave* għaż-żmien meta kien impjegat mal-konvenuti.

“Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur kien jaħdem mal-konvenuti bħala kok taħt kuntratt ta’ xogħol tat-2 ta’ Ġunju 1997. Bejn Lulju ta’ l-1999 u Ġunju ta’ l-2000 l-attur ħadem elf u sebgħa u tletin (1,037) siegħa sahra mingħajr ma tħallas għalihom. Bi ħlas ta’ siegħa u nofs għal kull siegħa, il-ħlas għas-sahra jkun ta’ elfejn u sebgħa u tmenin lira (Lm2,087).

“L-attur ma tħallasx ukoll ta’ ħmistax-il jum *vacation leave* fl-1999 u tmint ijiem oħra fl-2000; il-ħlas għal dan jiġi mitejn u disgħa u sittin lira (Lm269).

“B’kollox, għalhekk, il-konvenuti għandhom jagħtu lill-attur elfejn, tliet mija u sitta u ħamsin lira (Lm2,356).

"Billi għalxejn sejħu lill-konvenuti biex iħallsu, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenuti elfejn, tliet mija u sitta u ħamsin lira (Lm2,356) bħala ħlas għal sahra u *vacation leave*; u
2. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi elfejn, tliet mija u sitta u ħamsin lira (Lm2,356), flimkien ma' l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż.

"Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. safejn il-konvenut Brother Saviour Gatt ġie mħarrek *proprio*, għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax hu qatt ma daħal f'kuntratt f'ismu proprju iżda bħala *headmaster* tal-kulleġġ;
2. fil-waqt meta ġie mħarrek, Brother Saviour Gatt ma kienx għadu bis-setgħa li jidher f'isem il-kulleġġ, u dan kienu jafuh sew l-atturi, kif tixhed il-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet;
3. ma hux minnu illi l-attur ħadem is-sigħat li hu arbitrarjament iqishom bħala sahra, u ma għandux jedd għal ħlas ta' xogħol mhux awtorizzat; u
4. it-talba ta' l-atturi waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-art. 2147(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili.

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"B'kitba privata tat-2 ta' Ġunju 1997, l-attur kien impjegat mal-kulleġġ konvenut bħala kok. Il-ftehim sar bejn l-attur u l-kulleġġ; Brother Saviour Gatt *proprio* ma kienx parti, u għalhekk l-eċċezzjoni tiegħu illi ma huwiex kontradittur leġittimu hija tajba, u għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

"L-attur kien impjegat bil-patt li jaħdem erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa, mit-Tnejn sas-Sibt, mill-10.30 *a.m.* sas-1.30 *p.m.* u mill-4.00 *p.m.* sas-7.30 *p.m.* Kellu erbgħa u għoxrin (24) jum, barra l-btajjel pubbliċi, kull sena *leave* b'paga sħiħa. Fil-kuntratt hemm ukoll il-patt illi l-attur "*is to signify his presence at the College by the use of the punch-clock which* MUST *be use[d] by himself personally*".

"Fil-fatt ir-*records* tal-*punch-clock*[1] fil-biċċa l-kbira juru biss il-ħin meta l-attur kien jidħol filgħodu; spiss ma jurux x'ħin kien joħroġ u jerġa' jidħol wara nofsinhar u meta kien joħroġ filgħaxija. Juru wkoll illi ġieli kien jidħol qabel l-10.30 *a.m.* u ġieli wara. Fil-fatt il-konvenut b'ittra tal-5 ta' Ġunju 2000[2] kien sejjaħ lill-attur biex iżomm il-ħinijiet skond il-ftehim u biex juża l-*punch-clock* kif imiss iżda, għalkemm kien hemm xi okkażjonijiet meta r-*records* għax-xahar ta' Ġunju 2000[3] juru wkoll il-ħinijiet meta ħareġ u raġa' daħal l-attur, il-ħinijiet xorta ma humiex regolari.

"L-atturi xehdu illi l-attur kien jaħdem ħafna aktar sigħat mill-erbgħin siegħa fil-ġimgħa li kien marbut li jaħdem, u ġieli kienet tidħol tgħinu wkoll martu l-attriċi, bla ħlas. Il-konvenuti iżda jiċħdu illi l-attur kien jaħdem daqskemm qiegħed igħid.

"Il-qorti hija tal-fehma illi, ladarba l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-attur kellu juża l-*punch-clock* biex juri l-ħin meta jidħol għax-xogħol u meta joħroġ, għandha toqgħod fuq ir-*records* tal-*punch-clock* biex tgħid jekk ħadimx bis-sahra jew le.

"L-oneru tal-prova jmiss lill-attur u, ladarba r-*records* ma humiex sħaħ għax l-attur ma mexiex kif ried il-ftehim u ma użax il-*punch-clock* kif kellu jużah — ħlief f'xi ftit okkażjonijiet fl-aħħar xahar li ħadem, li kien Ġunju ta' l-2000 — ma jistax jingħad illi l-attur għamel il-prova li kellu jagħmel — ħlief għal Ġunju ta' l-2000 — aktar u aktar meta x-xhieda mogħtija minnu ma taqbilx max-xhieda mogħtija mill-konvenuti, li jiċħdu li l-konvenut ħadem kemm qal li ħadem.

"Barra minn hekk, l-attur ma weriex xi ħlas kien jirċievi biex jagħmel prova illi l-ħlas kien bin-nieqes ħlief għal okkażjoni waħda, meta ipproduċa l-*payslip* għax-xahar ta' Ġunju 2000[4], li turi li ħadem tnejn u tletin (32) siegħa

1 *Foll.* 29 *et seqq.*
2 *Fol.* 58.
3 *Foll.* 37 *et seq.*
4 *Fol.* 25.

sahra u tħallas tliet mija u sbatax-il lira u sittax-il ċenteżmu (Lm317.16). L-attur beda f'Ġunju ta' l-1997 b'paga ta' ħamsa u sittin lira (Lm65) fil-ġimgħa li tiżdied b'lira (Lm1) fil-ġimgħa kull sena. Għalhekk f'Ġunju ta' l-2000 kellu paga ta' tmienja u sittin lira (Lm68) kull ġimgħa ta' erbgħin (40) siegħa, jew lira u sebgħin ċenteżmu (Lm1.70) kull siegħa regolari u żewġ liri u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm2.55) kull siegħa ta' sahra. Ħadem mija u sitta u sebgħin siegħa (176) regolari — u ta' dawn jistħoqqlu ħlas ta' mitejn u disgħa u disgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm299.20) — u tnejn u tletin (32) siegħa sahra — u ta' dawn jistħoqqlu ħlas ta' wieħed u tmenin lira u sittin ċenteżmu (Lm81.60). B'kollox għalhekk kellu jieħu tliet mija u tmenin lira u tmenin ċenteżmu (Lm380.80). Tħallas biss tliet mija u sbatax-il lira u sittax-il ċenteżmu (Lm317.16) u għalhekk fadallu jieħu tlieta u sittin lira u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm63.64).

“Barra ħlas għas-sahra, l-attur qiegħed jitlob ukoll ħlas għall-btajjel, billi kellu jedd għal erbgħa u għoxrin (24) jum bħala btala bi ħlas fis-sena.

“Fl-1999 ħa tlieta u tletin (33) jum bħala btala[5], li huma aktar min kemm kellu jedd għalihom, u għalhekk ma jmissu ebda ħlas ieħor. Fl-2000 ħa għaxart (10) ijiem[6]. Billi temm l-impjieg tiegħu fl-aħħar ta' Lulju 2000, kellu jedd għal erbatax-il (14) jum btala u għalhekk għandu jitħallas għal erbat ijiem oħra. Billi l-paga fl-2000 kienet ta' tmienja u sittin lira (Lm68) kull ġimgħa ta' sitt ijiem, il-ħlas li jmiss lill-attur għal erbat ijiem tiġi ħamsa u erbgħin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm45.33).

“L-attur għalhekk għandu jieħu tlieta u sittin lira u erbgħa u sittin ċenteżmu (Lm63.64) għas-sahra u ħamsa u erbgħin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm45.33) għall-btajjel, b'kollox mija u tmien liri u sebgħa u disgħin ċenteżmu (Lm108.97).

---

5 *Fol*. 63.
6 *Fol*. 64.

"Fadal li nqisu l-eċċezzjoni dwar rappreżentanza tal-kulleġġ konvenut u l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

"Il-kulleġġ konvenut kien imħarrek fil-persuna ta' Brother Saviour Gatt; l-eċċezzjoni tgħid illi meta saret il-kawża Brother Saviour Gatt ma kellux is-setgħa li jidher f'isem il-kulleġġ fi proċeduri ġudizzjarji.

"Fil-fehma tal-qorti, ladarba korp morali jista' jiġi mħarrek f'ismu stess[7] bla ħtieġa li tissemma' persuna fiżika li tidher għalih, il-fatt illi l-kulleġġ konvenut huwa msemmi b'ismu fiċ-ċitazzjoni huwa biżżejjed biex ikun imħarrek sew.

"L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tgħid illi l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni ta' sena taħt l-art. 2147(*ċ*) tal-Kodiċi Ċivili, li tolqot l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar.

"Il-ħlas li jmiss lill-attur huwa għas-sahra matul Ġunju ta' l-2000 u għall-btajjel, ukoll fl-2000. Il-kawża nfetħet fid-9 ta' Novembru 2000, anqas minn sena wara li twieled il-jedd ta' azzjoni u għalhekk qabel ma l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni.

"L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hija għalhekk miċħuda."

## <u>L-Appell</u>

**4.** L-atturi hassew ruhhom aggravati minn din is-sentenza u fit-2 ta' Novembru 2005 interponew appell ghar-riforma ta' l-istess sentenza. L-aggravji taghhom jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. fl-ewwel lok, l-appellanti jghidu li jhossuhom aggravati bid-digriet ta' l-ewwel Qorti tat-22 ta' Jannar 2004 u bid-digriet tas-27 ta' Jannar 2004 moghti mill-assistent gudizzjarju li ippresjeda dik is-seduta minflok l-imhallef, fejn gie ordnat l-isfilz tad-dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' l-attrici appellanti Josephine Pisani;

---

[7] Art. 181A(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ikkonkludiet illi ladarba l-partijiet kienu qablu li jintuza l-*punchclock* biex jigi registrat id-dhul u l-hrug ta' l-attur minn fuq il-post tax-xoghol, allura l-attur kellu obbligu li juzah;

3. illi l-ewwel Qorti ma kienitx gusta meta ordnat li l-appellanti ghandhom ihallsu disa' partijiet minn ghaxra (9/10) ta' l-ispejjez tal-kawza.

**5.** Ghalkemm il-konvenut appellat *pro et nomine* gie debitament notifikat kemm bir-rikors ta' l-appell kif ukoll bl-avviz ghas-smiegh, huwa la ipprezenta risposta u lanqas deher fis-seduta tat-18 ta' Frar 2008 quddiem il-Qorti ta' l-Appell ghat-trattazzjoni ta' l-appell. In fatti f'dik is-seduta tat-18 ta' Frar 2008, l-abbili difensur tal-appellanti, Dott. Reno Borg, irrimetta ruhu ghall-atti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

### L-ewwel aggravju

**6.** L-ewwel aggravju jikkoncerna d-digriet ta' l-ewwel Qorti tat-22 ta' Jannar 2004 u d-digriet tas-27 ta' Jannar 2004 moghti mill-assistent gudizzjarju li ppresjeda dik is-seduta minflok l-Imhallef, fejn gie ordnat l-isfilz tad-dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' l-attrici appellanti Josephine Pisani. Il-fatti li jikkoncernaw dan l-ordni – jew dawn l-ordnijiet – ta' sfilz huma s-segwenti:

1. Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2002[8] gie verbalizzat hekk (fil-presenza, fost ohrajn, tal-attur u tad-difensur tieghu Dott. Reno Borg): *"Il-Qorti taghti zmien lill-atturi ta' tliet xhur millum biex iressqu x-xhieda b'affidavit flimkien mad-dokumenti kollha relattivi ghal kaz taghhom ... ... u l-konvenut ikollu tliet xhur min-notifika biex iressaq xiehda b'affidavit flimkien mad-dokumenti relativi ghad-difiza tieghu ... ...."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Gunju 2003. Fil-fatt l-affidavit tal-attur

[8] A fol. 23 tal-process in prim'istanza.

Nazzareno Pisani, b’zewg dokumenti annessi mieghu, gie pprezentat biss fit-13 ta’ Gunju 2003.

2. Fis-seduta tat-19 ta’ Gunju 2003[9], wara li z-zewg partijiet iddikjaraw liema huma x-xhieda li ghad fadlilhom, l-ewwel Qorti vverbalizzat hekk: *“Il-kawza differita sabiex jinstemghu x-xhieda kollha, kemm ta’ l-atturi u kif ukoll tal-konvenut u jsiru l-kontro-ezamijiet ghas-27 ta’ Jannar 2004 .... Fid-dawl tal-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2002, il-Qorti tifhem li l-partijiet m’ghandhomx aktar dokumenti xi jressqu u ghalhekk dokumenti esebiti millum il-quddiem jitnehhew mill-inkartament.”* Ghalkemm l-attrici kienet prezenti fl-Awla flimkien ma’ l-avukat difensur taghha, ma jirrizulta li saret l-ebda oggezzjoni ghal dan il-verbal. F’din l-istess udjenza l-Avukat tal-atturi gharraf lill-Qorti illi l-affidavit tal-attur kien *“dahal tard minhabba ragunijiet ta’ mard*”, u l-ewwel Qorti ordnat li dak l-affidavit jibqa’ fl-inkartament.

3. Fid-19 ta’ Jannar 2004, pero` mhux *seduta stante* imma fir-registru, l-atturi pprezentaw l-affidavit ta’ l-attrici flimkien ma’ numru ta’ dokumenti annessi mieghu[10].

4. B’digriet kamerali moghti fit-22 ta’ Jannar 2004, l-ewwel Qorti ordnat hekk, fir-rigward ta’ dan l-affidavit: *“Tordna li kopja ta’ l-affidavit tkun minnufih notifikata lill-konvenuti. Rat ukoll id-dikriet moghti waqt is-seduta tad-19 ta’ Gunju 2003; fid-dawl ta’ dak li jghid dak id-dikriet, tordna li d-dokumenti jitnehhew mill-inkartament.”*[11]

5. Is-seduta tas-27 ta’ Jannar 2004[12] giet immexxija mill-Assistent Gudizzjarju minflok mill-Imhallef. Waqt din is-seduta gie verbalizzat hekk: *“Dr. Reno Borg jirrileva illi d-dokumenti pprezentati ma’ l-affidavit tal-21* (recte 19) *ta’ Jannar 2004, immarkati Dok. JP1 sa JP4 b’dok CD1 sa CD19 gew ipprezentati fl-istadju korrett peress li sallum stess l-attrici ghad ghandha c-cans li tkompli tixhed u l-attrici ghamlet attentat iehor sabiex illum stess terga’*

---

[9] A fol. 54-55 tal-process in prim’istanza.
[10] A fol. 56 tal-process in prim’istanza.
[11] A fol. 61 tal-process in prim’istanza.
[12] A fol. 63 tal-process in prim’istanza.

*tipprezenta l-istess dokumenti izda giet imwaqqfa mill-Qorti u* (recte: milli) *taghmel dan u kif xehdet illum stess l-attrici dawn id-dokumenti huma l-bazi ta' l-azzjoni kollha li pproponew hi u zewgha u ghalhekk l-atturi ma jarawx il-bazi legali ghalfejn id-dokumenti gew sfilzati u ma thallewx jigu ipprezentati llum ukoll. Dr. Borg qed jiddikjara li mhux ser jirtira l-ebda dokumenti mill-process. L-Assistent Gudizzjarju in vista tal-verbal tal-Qorti tad-19 ta' Gunju 2003, mhux ser jippermetti li jigu esebiti ebda dokumenti."* Il-kawza thalliet ghall-1 ta' Gunju 2004.

6. Fl-udjenza ta' l-1 ta' Gunju 2004[13] gie verbalizzat hekk: *"Dr. Borg informa l-qorti li se jipprezenta rikors dwar dokumenti. Dan ir-rikors ghandu jsir fi zmien xahar millum b'notifika lill-avukati tal-konvenuti li jkollu zmien xahar biex iwiegeb. ... ... Il-kawza giet differita ghall-provvediment dwar it-talba li jridu jaghmlu l-atturi b'rikors ghat-22 t'Ottubru 2004."*

7. Fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2004[14] gie verbalizzat hekk: *"Meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Billi r-rikors imsemmi fil-verbal ta' l-1 ta' Gunju 2004, ma sarx, il-qorti ma tistax tqisu. Il-kawza differita ghat-trattazzjoni finali ghat-3 ta' Dicembru 2004."*

**7.** Minn dawn il-verbali u digrieti jirrizulta car illi:

1. Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2002, l-ewwel Qorti tat lill-atturi tlett xhur zmien biex *inter alia* jipprezentaw id-dokumenti kollha in sostenn tat-talba taghhom. Jirrizulta li l-atturi ghazlu li jinjoraw din l-ordni, hlief ghaz-zewg dokumenti ezibiti mal-affidavit ta' Nazzareno Pisani li, kif inghad, gie prezentat tardivament. Meta l-ewwel Qorti, fid-19 ta' Gunju 2003, iddekretat li hi mhux ser taccetta l-prezentata ta' aktar dokumenti billi t-terminu moghti fid-digriet tat-3 ta' Dicembru 2002 kien skada, l-atturi ma ghamlu l-ebda oggezzjoni. Izda sussegwentement ippretendew li jipprezentaw dokumenti ulterjuri ma' l-affidavit ta' l-attrici minghajr l-anqas indenjaw ruhhom

[13] A fol. 113 tal-process in prim'istanza.
[14] A fol. 158 tal-process in prim'istanza.

jaghtu l-icken gustifikazzjoni ghalfejn huma kienu naqsu milli jipprezentawhom fit-terminu li kien gie lilhom prefiss mill-ewwel Qorti. Fic-cirkostanzi, kienet perfettament korretta l-ewwel Qorti meta, bid-digriet tat-22 ta’ Jannar 2004, ordnat l-isfilz ta’ dawn id-dokumenti; kif ukoll kien korrett l-Assistent Gudizzjarju li jirrifjuta li jaccetta l-prezentata ta’ dawn id-dokumenti. Kieku dan accettahom, kien ikun qed imur kontra digriet tal-Qorti – haga li huwa ma setax jaghmilha stante li ma kellux is-setgha li jirrevoka, anke jekk biss implicitament, dak id-digriet *contrario imperio*.

2. Jirrizulta wkoll li l-ewwel Qorti tat l-opportunita lill-atturi jaghmlu rikors sabiex jiggustifikaw il-prezentata ta’ dawn id-dokumenti tardivament, izda mhux biss l-atturi naqsu li jipprezentaw dana r-rikors, imma talli fis-seduta meta kellhu jinghata l-provvediment dwar dan ir-rikors ma deher hadd.

**8.** Huwa minnu li fl-istadju tas-smigh tal-provi huwa gust u xieraq li jkun hemm certu flessibilita`. In fatti l-ewwel Qorti f’dan il-kaz addirittura accettat l-affidavit tal-attur, bid-dokumenti mieghu, li gie pprezentat fit-13 ta’ Gunju 2003 minkejja li gie presentat tardivament, wara li gie spjegat li dan kien dahal tard minhabba ragunijiet ta’ mard (din il-Qorti, a differenza ta’ dak li ghamlet l-ewwel Qorti, kienet tezigi wkoll xi forma ta’ prova ta’ tali mard li minhabba fih semplici affidavit u zewg dokument gew prezentati hekk tard); pero` li mill-banda l-ohra wiehed ma jistax jippretendi li l-ordnijiet u t-termini ffissati mill-Qorti jigu injorati bla raguni valida u li parti tmexxi l-kawza u tressaq il-provi kif u meta trid hi flok meta tghidilha l-Qorti! L-ordni tal-Qorti dwar dokumenti addizjonali, kif verbalizzat – u mhux kontestat waqt l-udjenza – fid-19 ta’ Gunju 2003 kien car; u, kif inghad, l-appellanti nghataw l-opportunita` li jiggustifikaw it-tardivita` taghhom jew li jitolbu estensjoni taz-zmien, izda baqghu ma ghamlu xejn. Ghalhekk ma jistghux issa jippretendu li jiggustifikaw ruhhom fi stadju ta’ appell permezz tal-aggravju kif minnhom imressaq; altrimenti jkun ifisser li l-ordnijiet tal-qrati ta’ prim istanza u t-termini stabbiliti f’dawk l-ordnijiet ghall-prezentata tal-provi ma jfissru xejn – u din il-Qorti

mhix bi hsiebha timmina l-awtorita` tal-qrati ta' l-ewwel istanza f'dan ir-rigward meta l-ordnijiet moghtija u z-zminijiet prefissi jkunu mhux biss legali izda wkoll cari u ragjonevoli.

**9.** Ghalhekk dana l-ewwel aggravju ta' l-appellanti qed jigi respint.

**It-tieni aggravju**

**10.** Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jilmentaw illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta kkonkludiet illi ladarba l-partijiet kienu qablu li jintuza l-*punchclock* biex jigi registrat id-dhul u l-hrug ta' l-attur minn fuq il-post tax-xoghol, allura l-attur kellu obbligu li juzah. Fir-rikors ta' l-appell taghhom, l-appellanti jghidu li *"ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuti kienet wahda li l-employer ma kienx jinsisti fuq il-punching u kif xehed Bro. Saviour Gatt bejnu u l-attur tant kien hemm good working relationship li hu qatt ma insista fuq il-punching mill-attur."*

**11.** Fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-attur beda jahdem mal-kullegg konvenut f'Gunju 1997 u l-appellat Brother Saviour Gatt spicca bhala direttur f'Awissu ta' l-1998,[15] u minfloku lahaq Brother Louis Camilleri. Ghalhekk Brother Saviour Gatt spicca u telaq mill-kunvent ferm qabel Lulju ta' l-1999, mil-liema data l-appellanti qieghdin jitolbu l-hlas tas-sahra. Huwa veru li Bro. Gat xehed li huwa kellu *"a good working relationship"* ma' l-appellant Pisani, pero` imkien ma xehed li hu ma kienx jinsisti fuq il-*punching* mill-appellant, kif jippruvaw jaghtu x'jifhmu l-appellanti. Fil-fatt meta l-appellat gie mistoqsi jekk jafx jekk l-appellant kienx jippancja, huwa wiegeb *"Ma nafx  Ma kontx nidhol fiha dik. ... ...  Imma naturalment, ma nafx jiena, kieku kien hemm xi irregolaritajiet kbar, kien jigbidlu l-attenzjoni nimmagina hux."*[16]

**12.** Lanqas jirrizulta li d-Direttur li gie wara, Brother Louis Camilleri, jew xi ufficjal iehor qatt ezentaw lill-

[15] Ara xhieda a fol. 127 tal-process.
[16] Ara xhieda a fol. 132-133 tal-process.

appellant milli jippancja, bhal kull impjegat iehor, u kif kien obbligat li jaghmel skond il-kuntratt ta' xoghol tieghu. Fil-fatt jirrizulta li b'ittra tal-5 ta' Gunju 2000, l-appellat Pisani kien inghata twissija (mill-imsemmi Bro. Louis) talli ma kienx qed juza l-*punch card* tieghu kif suppost[17].

**13.** Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax hlief taqbel mar-ragunament ta' l-ewwel Qorti illi galadarba l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-appellant juza l-*punch clock* – fl kliem il-kuntratt *"He is to signify his presence at the College by the use of the punch clock which MUST be use[d] by himself personally"* – biex juri l-hin meta jidhol ghax-xoghol u meta johrog, wiehed ghandu joqghod fuq ir-*records* tal-*punch clock* biex jghid jekk hadimx bis-sahra jew le. Hekk ghamlet l-ewwel Qorti, u din il-Qorti taqbel maghha.

**14.** Ghalhekk dan it-tieni aggravju qed jigu wkoll michud.

**It-tielet aggravju**

**15.** Permezz ta' dan it-tielet aggravju l-appellanti jillanjaw illi l-ewwel Qorti ma kienitx gusta meta ordnat li huma ghandhom ihallsu disa' partijiet minn ghaxra (9/10) ta' l-ispejjez tal-kawza. Din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid fuq dan l-aggravju. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, fic-citazzjoni taghhom, l-appellanti talbu somma ferm akbar minn dik li kien jisthoqqilhom. Fil-fatt fic-citazzjoni taghhom, l-appellanti talbu s-somma ta' LM2,356.00 (ekwivalenti ghal €5488.00), u mill-provi irrizulta li kien jisthoqqilhom biss is-somma ta' LM108.97 (ekwivalenti ghal €253.83), cioe` inqas minn 0.05% tas-somma li talbu. Ghaldaqstant kienet gusta l-ewwel Qorti meta ordnat li l-appellanti ghandhom ihallsu disa' partijiet minn ghaxra ta' l-ispejjez (9/10).

**16.** L-argument ta' l-appellanti li jekk huma jhallsu dawn l-ispejjez gudizzjarji huma jispiccaw ikollhom johorgu l-flus mill-but, certament ma hux wiehed legali. Se mai, huma

[17] Ara ittra a fol. 47 tal-process.

misshom ghamlu l-kalkoli taghhom sew qabel qabdu w ipprezentaw ic-citazzjoni, jew abbozzaw it-talbiet taghhom mod iehor. Ghalhekk dana l-aggravju wkoll qed jigi respint.

**Decide**

**17.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------